20 ta' Lulju, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Il-Pulizija *versus* Kol. Stephen J. Borg

**Rimozzjoni ta' l-Inkonvenjent — Sentenza — Penali — Appell — Art. 425 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Jekk il-Maġistrat, wara li jkun ivvalja l-provi miġjuba quddiemu, ikun għamel enunċjazzjoni jew kostruzzjoni ħażina tal-liġi fl-applikazzjoni tagħha għall-fatti kif pruvati, hemm dritt għall-Attorney General li jappella minn dik is-sentenza.*

*Għall-finijiet tad-dispożizzjoni tal-liġi li tagħti lil dak l-uffiċjal id-dritt li jappella minn sentenza tal-Qorti Kriminali kull meta l-imputat ikun ġie liberat fuq il-motiv li fil-fatt ma hemmx l-elementi tar-reat, il-kelma "fatt" tfisser il-fatt kif dedott fl-akkuża indipendentement mill-provi, u mhux il-fatt kif in segwitu jidher minn dawk il-provi.*

*Jekk wieħed ikun ġie kundannat b'sentenza biex ineħħi inkonvenjent taħt penali għal kull jum ta' ritard, u jiġi mill-ġdid miġjub quddiem il-Qorti biex iħallas dik il-penali għax ikun naqas li jeżegwixxi dak l-ordni, is-sentenza li kkundannatu, u li tkun għaddiet ġudikat, ma tistax tiġi riveduta; u għalhekk huwa ma jistax jeħles mit-tieni akkuża jekk ma tkunx inħolqot xi ċirkustanza, indipendenti mill-għemil u mill-volontà tiegħu, li rrendietlu assolutament impossibili l-eżekuzzjoni ta' dik l-obligazzjoni fl-intervall bejn meta ġie hekk kundannat u meta jkun ġie miġjub quddiem il-Qorti t-tieni darba.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni tal-Pulizija Eżekutiva preżentat kontra l-Kurunell Stephen J. Borg, akkużat li f'tas-Sliema naqas li jeżegwixxi l-ordni lilu mogħti mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fil-21 ta' Diċembru 1950, billi naqas li jneħħi l-inkonvenjent sal-4 ta' Frar 1951, żmien għal daqshekk lilu mogħti minn dik il-Qorti taħt penali ta' 2s. 6d. ammenda għal kull ġurnata li l-kontravvenzjoni tissokta wara li jkun għalaq iż-żmien fuq imsemmi;

Rat ukoll it-talba għall-kundanna ta' l-istess Kurunell Stephen J. Borg għall-penali ta' £4. 2. 6, għal 33 ġurnata mill-5 ta' Frar 1951 sad-9 ta' Marzu 1951;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-

Pulizija Gudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tal-14 ta' Gunju 1951, li biha l-akkużat gie liberat fuq il-motiv li kien irriżulta illi l-istess akkużat kien għamel il-possibilità tiegħu kollha biex jelimina l-inkonvenjent, u ma rnexxielux ineħħih għal ċirkustanzi indipendenti mill-volontà tiegħu;

Rat ir-rikors ta' l-Attorney General, li bih interpona appell lil dina l-Qorti mis-sentenza fuq imsemmija, bażat fuq l-enunċjazzjoni ħażina ta' l-ipotesi tal-ligi da parti tal-Magistrat, u fuq il-motiv li għall-liberazzjoni f'każijiet bħal dawn hemm bżonn li tigi pruvata l-impossibilità fiżika u assoluta, u mhux biss dik sempliċement relativa, jew l-insuffiċjenza tal-mezzi adoperati biex jitneħħa l-inkonvenjent, kif jallega li rriteniet l-Ewwel Qorti;

Semgħet lill-Avukat tal-Kuruna Dr. Maurice Caruana Curran u l-avukat ta' l-appellat;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għal din il-kawża huma, fil-qosor, dawn. B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, tal-21 ta' Diċembru 1950, l-akkużat gie mogħti 15-il gurnata żmien, taħt penali ta' 2s. 6d. għal kull jum ta' ritard, biex ineħħi l-inkonvenjent konsistenti fid-dwejjaq arrekati lill-girien b'nugrufun li joħrog miċ-ċumnija ta' l-Astra Hotel, f'tas-Sliema. L-akkużat għamel xi xogħlijiet, iżda dak l-inkonvenjent baqa'; u għalhekk huwa gie mressaq quddiem l-istess Qorti fuq indikata biċ-ċitazzjoni fuq imsemmija, sabiex iħallas il-penali li giet lilu inflitta, ladarba ma neħħiex l-inkonvenjent fiż-żmien lilu mogħti, kalkulata dik il-penali in bażi għal 2s. 6d. ammenda għal kull jum mill-iskadenza ta' dak iż-żmien sa lejliet il-gurnata li fiha giet maħruga ċ-ċitazzjoni kontra tiegħu;

Ikkunsidrat;

Illi l-Ewwel Qorti innominat perit tekniku sabiex jivverifika u jgħarraf jekk ix-xogħlijiet eżegwiti mill-akkużat sabiex ineħħi l-imsemmi inkonvenjent humiex biżżejjed effiċjenti skond it-teknika ta' l-arti, u f'każ negativ biex jagħmel suggerimenti ħalli jirrendi dawk l-istess xogħlijiet effikaċi. Il-perit issottometta illi l-akkużat għamel dak kollu li kien fil-poter tiegħu li jagħmel sabiex ineħħi l-inkonvenjent; huwa rrikorra, kif qal il-perit, lejn il-perit Mortimer u lejn

Carmelo Sammut, u dan għamel mod li jelimina parti minn nugrufun, imma dak il-mod ma kienx għal kollox perfett, għaliex iċ-ċmieni qegħdin jaħdmu lejl u nhar, u n-nugrufun li joħroġ minnhom huwa konsiderevoli. Il-mezz għalbekk li ħoloq l-imsemmi Sammut mhux tajjeb biżżejjed għalbiex jilħaq mal-kwantità ta' nugrufun li joħroġ mill-istess ċmieni. Il-perit irrileva li lokalment isiru "anti-smoke cowls" għad-djar privati, fejn in-nugrufun mhux ta' kwantità kbira; imma fejn in-nar huwa kontinwu, u n-nugrufun kwindi konsiderevoli, "patent anti smoke cowl", importata minn barra, għandha tiġi wżata. Wara li ppreżenta u ħalef ir-relazzjoni tiegħu, il-perit xehed quddiem l-Ewwel Qorti, u ddikjara illi l-akkużat "taħt iċ-ċirkustanzi lokali" għamel dak kollu li hu dmiru biex jelimina l-inkonvenjent, u jekk dan ma ġiex eliminat kompletament, dan hu dovut għal ċirkustanzi oltre l-volontà tiegħu. Iddikjara wkoll illi, fuq talba ta' l-istess akkużat, inkarika ruħu jġib "patent anti-smoke cowl" minn barra. Il-perit reġa' xehed, u ddikjara li ġie infurmat illi d-ditti esteri, li kien jaf bihom bħala ditti produċenti l-imsemmijin "anti-smoke cowls", ma għadhomx jagħmluhom;

Illi in bażi għar-riżultanzi fuq indikati l-Ewwel Qorti illiberat lill-akkużat;

**Ikkunsidrat;**

Illi minn dak li ntqal jirriżulta b'mod biżżejjed ċar li l-Ewwel Qorti illiberat lill-akkużat il-għaliex għamlet interpretazzjoni ħażina jew enunċjazzjoni ħażina tal-liġi, meta ġiet biex tapplikaha għall-fatt jiet kif ġew pruvati, u hija illiberat lill-akkużat għaliex irriteniet li skond il-liġi huwa biżżejjed li dan jipprova li għamel ix-xogħljiet kollha li setgħu jsiru hawn Malta biex ineħħi l-inkonvenjent; dan iżda ma jġibx li hemm l-impossibilità assoluta li l-inkonvenjent jitneħħa, għaliex l-inkonvenjent għadu jista' jitneħħa b'mezzi radikali, in-nuqqas ta' l-użu, per eżempju, taċ-ċmieni, jekk ma jistgħux jinsabu rimedji kontra n-nugrufun li jtellgħu. L-ordni tal-Qorti ma kienetx li jiġu applikati xi rimedji, imma li jitneħħa addirittura l-inkonvenjent; u dan, kif ġie rilevat, jista' jiġi mneħħi għal kollox;

Illi meta l-Maġistrat, wara li jkun sema' u vvalja l-provi, ikun għamel interpretazzjoni jew kostruzzjoni ħażina tal-

liġi fl-applikazzjoni tagħha għall-fatti kif ġew pruvati, hemm ir-rimedju ta' l-appell għall-Attorney General skond l-art. 425 (1) (b) (iv) (i) tal-Kodiċi Kriminali. Inveru, dak l-uffiċjal jista' jinterponi appell, skond iċ-ċitata dispożizzjoni tal-liġi, kull meta l-akkużat ikun ġie liberat fuq il-motiv illi fil-fatt ma jkunx hemm l-elementi tar-reat. Issa, skond ġurisprudenza kostanti, il-kelma "fatt" f'din id-dispożizzjoni tal-liġi tfisser il-fatt kif miġjub fl-akkuża, indipendentement mill-provi, u mhux il-fatt kif in segwitu jidher minn dawk il-provi, imma taħt l-istess dispożizzjoni tal-liġi l-Attorney General jista' jinterponi appell kontra s-sentenza jekk il-Maġistrat, wara li jkun semà' u vvalja l-provi jkun għamel interpretazzjoni ħażina tal-liġi fl-applikazzjoni tagħha għall-fatt kif jirriżulta mill-provi; il-għaliex, appuntu għax tkun saret interpretazzjoni ħażina tal-liġi, il-kwistjoni li tiġi mqajma fl-appell tkun in realtà kwistjoni ta' liġi, u l-interpretazzjoni retta tad-dispożizzjoni tal-liġi ċitata għandha tittieħed li għandha bħalu effett tagħha illi ma hemmx appell fuq kwistjoni ta' fatt, imma hemm appell fuq kwistjoni tal-liġi;

Illi għaldaqstant id-dritt ta' l-Attorney General li jagħmel dan l-appell għandu jiġi sostnut. U anki l-appell għandu jiġi milqugħ; il-għaliex, wara l-jum li fih ġiet imposta lill-akkużat l-imsemmija obligazzjoni bis-sentenza fuq ċitata, li għaddiet "in giudicato" u ma tistax tiġi riveduta, ma nħolqot l-ebda ċirkustanza indipendenti mill-għemil u mill-volontà tiegħu, li rrendiet assolutament impossibili l-eżekuzzjoni ta' dik l-istess obligazzjoni fil-perijodu kollu traskors mill-jum li fih ġiet imposta l-penali sa meta huwa ġie miġjub quddiem il-Qorti għall-likwidazzjoni ta' dik il-penali. Il-possibilità li jitneħħa l-inkonvenjent għadha hemm, kif ġie muri aktar 'il fuq f'dina l-istess parti razzjonali tas-sentenza;

Għal dawn il-motivi;

Tiddikjara u tiddeċidi fondat tajjeb fil-liġi l-appell interpost mill-Attorney General kontra s-sentenza denunċjata, u tilqa' l-istess appell, u tirrevoka s-sentenza appellata; u tiddikjara u tiddeċidi illi l-imsemmi Kurunell Borg naqas li jeżegwixxi l-ordni lilu mogħti fis-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tal-21 ta' Diċembru 1950; u konsegwentement tikkundannah iħal-

las il-penali ta' 2s. 6d. kull jum għal 33 ġurnata, mill-5 ta' Frar sad-9 ta' Marzu 1951, kif ġie mitlub fl-att taċ-ċitazzjoni. Salva kull skadenza ulterjuri.